Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 107/2012AE

**Tony Zarb**

**Vs**

**Vince Farrugia**

Il-Gimgha, 5 ta' Frar 2016.

Il-kaz jitratta kawza ta' libell li l-attur ippropona quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara kliem li qal il-konvenut waqt programm fuq it-televixin bl-isem ta' TVAM li gie mxandar fl-24 ta' Frar 2012. L-attur ilmenta li l-konvenut qal li l-attur kien immanipola minuta tal-MCESD, li kien iddeskrivih bhala faxxist u li qed ixewwex in-nies ghall-vjolenza.

Min-naha tieghu l-konvenut argumenta li:-

1. Il-kliem m'huwiex libelluz.
2. Id-diskors kien jikkonsisti fair comment u ghandu kull dritt li jaghmel dawn il-kummenti.
3. L-attur jokkupa kariga pubblika u ghalhekk ghandu jirrikonoxxi kritika tal-operat, l-agir u dikjarazzjonijiet tieghu.

B'sentenza tas-17 ta' Novembru 2014 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet u laqghet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elfejn ewro (€2,000).

Il-konvenut appella u l-aggravji huma:

1. Jezisti d-dritt tal-liberta tal-espressjoni. Il-konvenut jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tal-GRTU u kemm-il darba jkun hemm diskussjonijiet imqanqla. Dak kollu li jinghad hu fil-kariga rispettiva. L-appellant fl-ebda hin m'attakka lil Tony Zarb personalment. Kien qieghed jirreferi ghal GWU u l-mexxejja taghha u mhux mil-lat personali. Inoltre hu ma tkellimx fil-vesti personali tieghu imma bhala Direttur Generali tal-GRTU.
2. Il-kumment tal-konvenut kien *fair comment*. Il-konvenut kien ghaddej minn attakk kontinwu mill-GWU permezz tal-gurnal ta' kuljum taghha fejn gew pubblikati avvizi li kien ghajjar lill-haddiema li huma grieden.
3. L-ammont ta' danni likwidati hu gholi.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

1. Mill-provi rrizulta li:

    i. Waqt programm TVAM li kien imxandar fuq l-istazzjon TVM, l-attur qal li:

        (a) L-attur kien immanipula minuta tal-MCESD waqt laqgha li l-konvenut ma kienx prezenti ghaliha. Zied li l-attur *'abbuza mill-MCESD'*.
        (b) B'mod faxxist *'dawn in-nies'* jaqbdu ma' mexxej jew iehor u semma ezempji. Kliem li qal wara li giet imxandra parti minn intervista li kienet saret mal-attur.
        (c) Waqt laqgha tal-MCESD kienet inbidlet minuta fuq pressjoni tal-attur li saret fuq ic-chairman u s-segretarja.
        (d) Mhux ser jitlob apologija. Indirizza lill-attur li jekk irid jatih l-interdett u jekk iridu jxewxu n-nies ghal vjolenza, ikomplu jxewxuhom.

2. Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kliem hemm allegazzjoni ta' fatti. L-uniku parti fejn jista' jinghad li hemm kumment hu meta l-konvenut qal li *'dawn in-nies'* qeghdin jagixxu b'mod faxxist ghar-raguni li jaqbdu ma' mexxejja tal-employers union jew unions ohra li ma jaqblux maghhom. Id-difiza ta' *fair comment* ma tirnexxix jekk il-kumment m'huwiex bazat fuq fatt jew jekk 'il fatt allegat ma jigix ippruvat li hu veru; *"a writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail"* (Gatley on Libel and Slander, 10 Edizzjoni 12.14)[1]. Fil-kaz in ezami l-konvenut ma ressaqx provi u ghalhekk ma ppruvax dak li allega fil-konfront tal-attur. Anzi mill-provi rrizulta li dak li allega ma kienx minnu (ara per ezempju deposizzjoni tax-xhud Zahra). Ghalhekk ma jistax jiehu beneficcju minn tali difiza.

3. 'Il fatti allegati lill-attur huma min-natura taghhom malafamanti. M'ghandux ikun li persuna tigi mghajjra li ghamlet pressjoni fuq ufficjali tal-MCESD biex tinbidel minuta ta' laqgha, li abbuzat mill-MCESD u li qeghda xxewwex in-nies ghall-vjolenza. Allegazzjonijiet li jimminaw ir-reputazzjoni, u jitfghu dubju fuq l-integrita' u l-onesta tal-persuna li f'dak iz-zmien kien is-Segretarju Generali tal-General Workers' Union.

4. Ma nghatat l-ebda eccezzjoni tal-verita tal-fatti. F'kull kaz ma saret l-ebda prova tal-fatti li l-konvenut allega fil-konfront tal-attur. Hekk per ezempju m'hemmx prova li l-attur:-

[1] Bran li gie citat mill-Prim'Awla (Imhallef J.R. Micallef) fil-**kawza Dr Louis Galea vs Etienne St. John et**, 30 ta' April 2015.

(a) immanipola minuta tal-MCESD u abbuza mill-istess MCESD. L-attur kien talab li ssir emenda f'wahda mill-minuti biex tkun tirrifletti incident li nqala' waqt il-laqgha precedenti. Talba li kull membru ghandu dritt li jaghmel. Hu minnu li dakinhar il-konvenut ma kienx prezenti ghal laqgha, pero' ma jirrizultax li kien hemm xi hadd li oggezzjona ghall-emenda proposta. F'dik is-seduta kien prezenti rapprezentant tal-GRTU. Dan apparti li mill-provi ma rrizultax li l-emenda nbidlet minhabba xi pressjoni li l-attur allegatament ezercita fuq ic-chairman u/jew segretarja tal-MCESD. F'dan ir-rigward Sonny Portelli, Chairman tal-MCESD, ikkonferma li dak li gie verbalizzat fil-minuta 2.12 tal-laqgha tal-14 ta' Novembru 2011 [2], ***"...huwa ezatt li gara fil-laqgha kif spjegat"***. M'hemmx prova li tikkontradici dan. Kieku ried il-konvenut kellu l-opportunita' li jressaq il-provi, izda ghazel it-triq tas-skiet.

(b) kien jaqbad ma' mexxejja ohra tal-employers union jew xi union ohra. Qalet sew l-ewwel qorti li dan il-kliem kien indirizzat lejn l-attur. Tant hu hekk li Farrugia qal dan il-kliem ezatt wara l-clip li fiha deher l-attur ighid li l-GWU ghandha l-inkwiet mal-GRTU ghaliex il-konvenut kien indirizza l-haddiema li jahdmu bi prekarjat bhala grieden. Ma saret l-ebda prova li l-attur kien jaqbad ma' mexxejja ohra tal-employers union jew unions ohra. Anzi meta xehed Winston Zahra, wiehed mill-persuni li l-konvenut qal li kien sofra attakki, ikkonferma *"... li dana m'huwa minnu assolutament xejn fil-konfront tieghi"*.

5. Il-fatt li persuna tkun figura pubblika, ma jfissirx li hu passaport biex persuna tghid li trid dwarha minghajr ebda riperkussjoni. Hu veru li meta individwu jidhol fl-arena pubblika jkun qieghed jassoggetta ruhu ghal skrutinju pubbliku u ghalhekk ghandu juri grad ikbar ta' tolleranza u kritika. Pero' fl-istess hin kulhadd ghandu jedd li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu. L-attakk tal-konvenut kien personalment fuq l-attur. M'ghandux ragun il-konvenut fl-argument li l-attakk *"..... mhux mill-lat personali izda fil-kapacita taghhom bhala dirigenti ta' din il-Union"*[3]. Il-kliem li ntqal minnu kien indirizzat lejn l-attur. Kliem li jattakka r-reputazzjoni tal-attur.

6. Il-konvenut argumenta wkoll li dak li qal kien fil-vesti ta' Direttur tal-GRTU. Dan m'ghandux x'jaqsam. Il-kariga ta' Direttur Generali m'hijiex xi persuna guridika distinta mill-persuna li tokkupa tali kariga. Il-kliem malafamanti ntqal mill-konvenut, u ghalhekk ghandu jwiegeb ghall-eghmilu. Il-konvenut m'ghandux jedd jipprova jistahbha wara 'l fatt li l-

---

[2] Il-minuta taqra: *"The GWU representative said that the ETC should be examining the employability of workers in precarious jobs Whereupon the representative of the GRTU interjected and objected vehemently to the comment, and inter alia, referred to such workers who are receiving the protection of GWU as 'rats'. An altercation ensued between the two speakers, which was quickly terminated by the Chairman"* (fol. 23).

[3] Paragrafu 15 tar-rikors tal-appell.

kliem intqal fiz-zmien li kien Direttur Generali tal-GRTU. Fatt li ma jaghti l-ebda privilegg.

7. Fl-ahharnett, ghalkemm il-konvenut invoka d-dritt tal-liberta ta' espressjoni dan m'huwiex dritt li jista' jintuza b'mod irresponsabbli.

8. Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) li giet likwidata mill-ewwel qorti bhala kumpens, il-qorti ma tara xejn x'ticcensura. Il-konvenut allega fatti serji fil-konfront tal-attur li baqghu qatt ma gew ippruvati, u s-somma ta' €2,000 hi somma li l-qorti tqies li hi ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.